MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Numru. 172/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALFRED MALLIA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**KONTRA**

**MAXIMILIAN CIANTAR**
**KERSTEN CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Maximilian Ciantar ta’ 17-il sena, bin Emmanuel u Diane nee’ Borg, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-22 ta’ Jannar, 1990, residenti fil-fond numru 43, Triq is-Sebh, Marsa, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 75690M;
U Kersten Camilleri ta’ 17-il sena, bin Carmelo u Theresa nee’ Agius, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-1 ta’ Awwissu, 1989 residenti fil-fond numru 9, Flat 1, Triq il-Merkanti, Belt

Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 353289(M);

1. Akkuzati talli nhar is-27 ta' Jannar, 2007 ghall-habta tat-8.15 ta' fil-ghodu, bil-hsieb li jikkommettu serq mill-fond numru 87, Triq San Dumiku, Valletta, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom;

2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Vincent Abela, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda ma tiskorrix il-Lm50.00 (hamsin lira maltin);

3. Lil **Maximilian Ciantar wahdu** talli nhar is-27 ta' Jannar 2007, f'xi hin matul il-gurnata fil-Marsa, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni HBD 096 ghad-dannu ta' Emmanuel Ciantar, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00)u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. Lil **Maximilian Ciantar wahdu** wkoll talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer saq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni HBD 096 minghajr licenzja mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizjia jew mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta;

5. U kif ukoll talli b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' jew garanzija ta' terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati ghall-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), u l-hames (5) imputazzjoni hekk kif dedotti

kontriehom, wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidraw din l-ammmissjoni taghhom;

Wara li rat il-verbal ta' llum, fejn Emmanuel Ciantar – missier l-imputat Maximilian Ciantar, irtira l-kwerela fil-konfront ta' ibnu, u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 332 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikkjara l-procediment ezawrit fil-konfront tat-tielet (3) imputazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 42, 325, 261, u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija imputati Maximilian Ciantar u Kersten Camilleri hatja tal- ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), u l-hames (5) imputazzjoni hekk kif dedotti kontriehom, u ghaldaqstant tordna li jitqiehdu taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tikkundannhaom ukoll ghal hlas ta' ammenda fl-ammont ta' Lm25.00 (hamsa u ghoxrin lira maltin) fuq il-hames (5) imputazzjoni, li ai termini tal-Artikolu 35 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena tal-multa tinzel bi grad jew tnejn ghal dik tal-ammenda, peress illi l-imputati kienu t-tnejn minorenni.
Tiddikkjara procediment ezawrit ghar-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni hekk kif dedotti kontriehom.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------